30 ta' Lulju, 1952.

Imħallef :

*L-Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, LL.D.*

**Il-Pulizija** *versus* **Toni Camilleri**

**Gassijiet — Kompliċità — Driver ta' Karrozza — Art. 24 (1) u 33 (1) tal-Kap. 56.**

*Id-driver ta' karrozza, li jkollha fuqha passiġġieri li jixegħlu gassijiet mingħajr liċenza tal-Pulizija, jirrendi ruħu kompliċi ta' dik il-kontravvenzjoni jekk, meta nxtegħel il-gass, u hekk huwa ndunu b'dawk il-gassijiet, ikompli jsuq u ma jimpedixxix il-ħruq tal-gassijiet ; u dan anki jekk ma kienx jaf minn qabel li l-passiġġieri kellhom dawk il-gassijiet biex jaħarquhom.*

Fuq l-imputazzjoni miġjuba mill-Pulizija kontra l-imputat talli l-Hamrun, fit-28 ta' April 1952, f'xi d-9.20 p.m., waqt li kien qed isuq Private Bus numru 5573, ġarr esplożivi u ppermetta li jinxtegħlu gassijiet u affarijiet oħra ta' effetti pirotekniċi mill-istess bus mingħajr liċenza tal-Pulizija, il-Qorti Kriminali tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja ta' Malta, b'sentenza tat-8 ta' Lulju 1952, wara li ddikjarat l-ewwel reat assorbit fit-tieni, sabet lill-imputat ħati talli ppermetta li *jinxtegħlu gassijiet fil-pubbliku mingħajr liċenza tal-Pulizija* ; u wara li rat l-art. 16, 24 (1), 30 u 33 (1) Kap.

56, u art. 43 (c) (d) tal-Liġijiet Kriminali, ikkundannatu għall-piena ta' għoxrin ġurnata priġunerija;

L-imputat appella;

Il-Qorti semgħet il-provi..............;

Mill-provi jirriżulta li fit-28 ta' April 1952 filgħaxija, waqt li l-imputat kien qiegħed isuq Private Bus nru. 5573 mill-Ħamrun, inxtegħel gass mill-kbar, kulur safrani u jtextex. F'idejn min kien dak il-gass ma rriżultax. Il-gass ma ġiex elevat mill-Pulizija, u l-karrozza lanqas ġiet immwaqqfa;

Skond l-espert Debattista, il-gassijiet tal-kulur, barra l-abjad, ikun fihom il-klorat tal-potassa; iżda dan żied qal li jekk il-gass li semma x-xhud li rah kien qed juri ħafna dawl u raxx, klorat ma kienx fih; u jekk ikollu l-klorat tal-potassa, jagħmel il-beraq jew sparaturi. Fil-fatt ma jirriżultax li l-gass in kwistjoni kien minn dawk li jkollhom il-klorat tal-potassa; u r-raxx li kien jagħmel seta' jsir bin-nitrat tas-soda u l-aluminju. Lanqas ma jirriżulta li l-gass in kwistjoni kien fih nitro-gliċerina jew fulminat bħala bażi. U ċertament mid-deskrizzjoni tal-gass in kwistjoni ma jistax jiġi affermat li kien gass ta' aktar minn għaxar libbri. Għaldaqstant l-art. 16 u 30 tal-Kap. 56 tal-Liġijiet ta' Malta ma humiex applikabili għall-każ;

Iżda skond l-art. 24 (1) ta' l-istess Kap. 56 tal-Liġijiet, "ħadd ma jista', mingħajr liċenza tal-Pulizija, jagħti n-nar jew jispara........... xogħlijiet tan-nar ta' kull xorta li jkunu.............. f'kull post li jkun". Fil-każ in kwistjoni liċenza tal-Pulizija ma kienx hemm;

L-imputat kien id-driver tal-karrozza, u mhux dak li kien qed jaħraq il-gass. Iżda, jekk, meta għabba fil-karrozza n-nies li kien qiegħed isuq, ma kienx jaf bil-gassijiet li n-nies kellhom biex jixgħelu, meta xegħel il-gass ma setax ma jindunax bih, minħabba d-dawl qawwi li jagħmel il-gass. B'dana kollu l-imputat baqa jsuq u jippermetti l-ħruq tal-gass, flok li jipprevjenih; u għalhekk irrenda ruħu kompliċi fil-ħruq tal-gass in kwistjoni, billi ttrasporta l-persuna fil-waqt li din kienet qiegħda taħraq il-gass, u b'hekk għenu fil-ħruq tal-gass f'dik il-lokalità. Għaldaqstant il-ħtija ta' l-imputat ma tistax tiġi miċħuda fil-limiti li ġew imsemmija;

Skond l-art. 33 (1) tal-Kap. 56 tal-Liġijiet, "kull min jikser id-dispożizzjonijiet ta' l-art. 24, jeħel, meta jinstab ħati, il-piena tal-multa, jew tal-priġunerija għal żmien mhux iżjed minn tliet xhur, jew, fil-każijiet ħfief, il-piena ta' l-ammenda";

Meta wieħed jikkunsidra li mill-provi li saru ma rriżultax li fil-karrozza ta' l-imputat inxteghlu jew ingarru aktar minn gass wieħed li ra x-xhud, u li ma kienx l-imputat li xegħlu, huwa ċar li l-każ ta' l-imputat huwa ħafif u ma jistħoqqlux iżjed minn ammenda;

L-eċċezzjoni tan-nullità tas-sentenza appellata ma għandha l-ebda fondament, u għalhekk il-Qorti tiċħadha;

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti tilqa' l-appell fis-sens li tirriforma s-sentenza appellata, billi tiddikjara lill-imputat ħati biss talli ppermetta l-ħruq ta' gass mill-bus misjuq minnu mingħajr liċenza tal-Pulizija, u tikkundannah għall-ammenda ta' £5, u billi tirrevoka s-sentenza appellata rigward ħtijiet u pieni oħrajn; u tagħti lill-imputat jumejn żmien għall-ħlas ta' l-ammenda.